IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 7.9.2026
COM(2026) 446 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

dwar is-sitwazzjoni attwali tat-tħejjijiet għall-implimentazzjoni sħiħa tar-Regolamenti dwar l-Interoperabbiltà f'konformità mal-Artikolu 78(5) tar-Regolament (UE) 2019/817 u l-Artikolu 74(5) tar-Regolament (UE) 2019/818

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

dwar is-sitwazzjoni attwali tat-tħejjijiet għall-implimentazzjoni sħiħa tar-Regolamenti dwar l-Interoperabbiltà f'konformità mal-Artikolu 78(5) tar-Regolament (UE) 2019/817 u l-Artikolu 74(5) tar-Regolament (UE) 2019/818

1. Introduzzjoni

L-istabbiliment tal-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE għas-sigurtà, il-ġestjoni tal-fruntieri u l-migrazzjoni jibqa' wieħed mill-pedamenti tal-istrateġija tal-UE biex tissaħħaħ is-sigurtà interna u biex il-ġestjoni tal-fruntieri ssir aktar effettiva u effiċjenti.([1]) Is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE li jiffurmaw parti mill-qafas tal-interoperabbiltà huma: (i) is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES)([2]) , (ii) is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS)([3]) , (iii) is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi (ECRIS-TCN)([4]) , (iv) is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS)([5]) , (v) is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS)([6]) , u (vi) l-Eurodac([7]) .

([1]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar ProtectEU: Strateġija Ewropea ta' Sigurtà Interna, (COM/2025/148, p. 8, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex:52025DC0148).

([2]) Ir-Regolament (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) biex tiġi rreġistrata data dwar id-dħul u l-ħruġ u data dwar iċ-ċaħda tad-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri u li jiddetermina l-kondizzjonijiet għall-aċċess għall-EES għal raġunijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen u r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008 u (UE) Nru 1077/2011 (ĠU L 327, 9.12.2017, p. 20 http://data.europa.eu/eli/reg/2017/2226/oj).

([3]) Ir-Regolament (UE) 2018/1240 li jistabbilixxi Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1077/2011, (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/1624 u (UE) 2017/2226 (ĠU L 236, 19.9.2018, p. 1 http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1240/oj).

([4]) Ir-Regolament (UE) 2019/816 li jistabbilixxi sistema ċentralizzata għall-identifikazzjoni ta' Stati Membri fil-pussess ta' informazzjoni dwar kundanni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi (ECRIS-TCN) biex tissupplimenta s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1726 (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 1 http://data.europa.eu/eli/reg/2019/816/oj).

([5]) Ir-Regolament (UE) 2018/1860 dwar l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali (ĠU L 312, 7.12.2018, p. 1 http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1860/oj); Ir-Regolament (UE) 2018/1861 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-verifiki fuq il-fruntieri, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen, u li jemenda u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 (ĠU L 312, 7.12.2018, p. 14 http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1861/oj); u r-Regolament (UE) 2018/1862 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, li jemenda u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI, u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 210/261/UE (ĠU L 312, 7.12.2018, p. 56http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1862/oj).

([6]) Ir-Regolament (UE) 2021/1134 li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (KE) Nru 810/2009, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1860, (UE) 2018/1861, (UE) 2019/817 u (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI, għall-fini tar-riforma tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (ĠU L 248, 13.7.2021, p. 11http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1134/oj).

([7]) Ir-Regolament (UE) 2024/1358 dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil ta' data bijometrika sabiex jiġu applikati b'mod effettiv ir-Regolamenti (UE) 2024/1351 u (UE) 2024/1350 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE u sabiex jiġu identifikati ċittadini ta' pajjiż terz u persuni apolidi b'soġġorn

Ir-Regolamenti dwar l-Interoperabbiltà([8]), li daħlu fis-seħħ fil-11 ta' Ġunju 2019, jippermettu lil dawn is-sistemi jinteraġixxu ma' xulxin permezz ta' erba' komponenti (il-Portal Ewropew tat-Tfittxija (ESP), is-Servizz Kondiviż ta' Tqabbil Bijometriku (sBMS), ir-Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni dwar l-Identità (CIR), id-Detettur ta' Identitajiet Multipli (MID)) u għodda waħda (ir-Repożitorju Ċentrali għar-Rapportar u għall-Istatistika (CRRS)). Il-qafas tal-interoperabbiltà għandu l-għan li jaċċellera l-mistoqsijiet tal-awtoritajiet nazzjonali mnedija f'konformità mad-drittijiet ta' aċċess tagħhom u li jgħinhom jindividwaw il-frodi tal-identità kif ukoll jinvestigaw reati kriminali serji. Dan se jinkiseb permezz ta' kontroverifika effiċjenti tas-sistemi ta' informazzjoni kollha tal-UE. L-arkitettura tal-interoperabbiltà tinkorpora wkoll mekkaniżmi għall-kontroll tal-kwalità tad-data sabiex jiġi żgurat li d-data tkun preċiża u aġġornata. Qafas robust għall-protezzjoni u s-sigurtà tad-data jirregola l-ipproċessar tad-data skont ir-Regolamenti dwar l-Interoperabbiltà.

Skont l-Artikolu 78(5) tar-Regolament (UE) 2019/817 u l-Artikolu 74(5) tar-Regolament (UE) 2019/818, il-Kummissjoni timmonitorja l-progress u tirrapporta dwar l-implimentazzjoni tar-Regolamenti dwar l-Interoperabbiltà. Dan is-sitt rapport annwali jkopri l-perjodu minn Jannar sa Diċembru 2025. Fid-dawl tal-obbligi ta' rapportar simili li japplikaw għas-sistemi kollha ta' informazzjoni tal-UE fi ħdan il-qafas tal-interoperabbiltà, dan ir-rapport jiffoka primarjament fuq l-implimentazzjoni tar-Regolamenti dwar l-Interoperabbiltà. Is-sitwazzjoni attwali tas-sistemi individwali hija inkluża biss fejn meħtieġ.

2. Is-sitwazzjoni attwali tal-implimentazzjoni tal-komponenti u l-għodod tal-interoperabbiltà mill-Kummissjoni

Ir-Regolamenti dwar l-Interoperabbiltà jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni tadotta atti delegati u ta' implimentazzjoni sabiex tissupplimenta u timplimenta ċerti aspetti tekniċi dettaljati tal-interoperabbiltà. Minħabba emendi leġiżlattivi (ir-Regolament (UE) 2024/1358 (riformulazzjoni tal-Eurodac), ir-Regolament (UE) 2024/1356 (Skrinjar) u r-Regolament (UE) 2024/982 (Prüm II)), il-leġiżlazzjoni sekondarja rilevanti kellha tiġi emendata kif xieraq. Għalhekk, kien meħtieġ li jsiru emendi għal erba' atti delegati([9]) u għal għaxar atti ta'

illegali u dwar talbiet għat-tqabbil mad-data tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi, u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1240 u (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 603/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L, 2024/1358, 22.5.2024 http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1358/oj).

([8]) Ir-Regolament (UE) 2019/817 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam ta' fruntieri u viża u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1726 u (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI (ĠU L 135, 22.5.2019 http://data.europa.eu/eli/reg/2019/817/oj); u r-Regolament (UE) 2019/818 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-asil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1726, (UE) 2018/1862 u (UE) 2019/816 (ĠU L 135, 22.5.2019 http://data.europa.eu/eli/reg/2019/818/OJ). Matul dan ir-rapport, dawn ir-Regolamenti huma msemmija bħala r-"Regolamenti dwar l-Interoperabbiltà".

([9]) (i) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2026/327 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2023/333 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-determinazzjoni ta' każijiet li fihom id-data tal-identità tista' titqies l-istess jew simili għall-fini tad-detezzjoni ta' identitajiet multipli,http://data.europa.eu/eli/reg_del/2026/327/oj; (ii) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni

implimentazzjoni([10]), li ġew adottati bejn Novembru 2025 u Jannar 2026. Skont l-Artikolu 77 tar-Regolament (UE) 2019/817 u l-Artikolu 73 tar-Regolament (UE) 2019/818, il-Kummissjoni hija meħtieġa wkoll tagħmel disponibbli manwal prattiku għall-implimentazzjoni u l-ġestjoni tal-komponenti tal-interoperabbiltà. L-Istati Membri, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), il-Europol, il-Frontex u l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali kellhom diskussjonijiet matul il-perjodu ta' rapportar biex jiffinalizzaw l-ewwel verżjoni tal-manwal. Wara r-reviżjonijiet u l-aġġornamenti addizzjonali meħtieġa, il-manwal ġie adottat formalment f'Jannar 2026. Il-manwal jipprovdi lill-awtoritajiet tal-fruntieri, tal-viża, tal-immigrazzjoni u tal-infurzar tal-liġi b'linji gwida tekniċi u operazzjonali faċli għall-utent dwar il-qafas tal-interoperabbiltà u dwar kif għandhom jintużaw il-komponenti tiegħu. Il-Kummissjoni se taġġorna kontinwament il-manwal biex jirrifletti l-iżviluppi legali reċenti, pereżempju l-inkorporazzjoni tal-Eurodac fil-qafas tal-interoperabbiltà.

(UE) 2026/326 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2023/332 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-determinazzjoni ta' każijiet li fihom id-data tal-identità tista' titqies l-istess jew simili għall-fini tad-detezzjoni ta' identitajiet multipli,https://eur-lex.europa.eu/eli/reg_del/2026/326; (iii) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2026/49 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2021/2223 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dettaljati dwar l-operat tar-repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika, http://data.europa.eu/eli/reg_del/2026/49/oj; u (iv) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2026/48 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2021/2222 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dettaljati dwar l-operat tar-repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika, http://data.europa.eu/eli/reg_del/2026/48/oj.

([10]) (i) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2021)6176 final, li tistabbilixxi r-regoli tekniċi għall-ħolqien ta' rabtiet bejn id-data minn sistemi ta' informazzjoni differenti tal-UE, skont l-Artikolu 28(7) tar-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill – C(2025)7593; (ii) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2021)6174 final, li tistabbilixxi r-regoli tekniċi għall-ħolqien ta' rabtiet bejn id-data minn sistemi ta' informazzjoni differenti tal-UE, skont l-Artikolu 28(7) tar-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill – C(2025)7580; (iii) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/220 li tistabbilixxi u tiżviluppa l-istandard tal-format universali tal-messaġġi (FUM) skont ir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill – C(2025)7608; (iv) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/221 li tistabbilixxi u tiżviluppa l-istandard tal-format universali tal-messaġġi (FUM) skont ir-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill – C(2025)7609; (v) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2021)5988 li tistabbilixxi formola standard biex l-individwi jiġu infurmati dwar il-ħolqien ta' link ħamra skont ir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill – C(2026)300; (vi) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2021)5989 li tistabbilixxi formola standard biex l-individwi jiġu infurmati dwar il-ħolqien ta' link ħamra skont ir-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill – C(2026)305; (vii) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2021)5620 li tistabbilixxi formola standard biex l-individwi jiġu infurmati dwar il-ħolqien ta' link bajda skont ir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill – C(2026)330; (viii) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2021)5619 li tistabbilixxi formola standard biex l-individwi jiġu infurmati dwar il-ħolqien ta' link bajda skont ir-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill – C(2026)333; (ix) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2021)5052 li tistabbilixxi d-dettalji tekniċi tal-profili għall-utenti tal-Portal Ewropew tat-Tfittxija, skont l-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill – C(2026)299; u (x) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2021)5053 li tistabbilixxi d-dettalji tekniċi tal-profili għall-utenti tal-Portal Ewropew tat-Tfittxija, skont l-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill – C(2026)316.

Il-pjattaforma diġitali([11]) li tospita l-manwali għas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE tibqa' għodda li tippermetti lill-utenti jaċċessaw informazzjoni importanti. Il-Kummissjoni biħsiebha ttejjeb il-pjattaforma diġitali billi tinkorpora l-lingwi kollha tal-UE (peress li l-informazzjoni bħalissa hija disponibbli biss bl-Ingliż) u billi tagħmilha aktar faċli għall-utent.

Pass ewlieni lejn interoperabbiltà bla xkiel ittieħed meta l-eu-LISA nediet is-Servizz Kondiviż ta' Tqabbil Bijometriku (sBMS) fid-19 ta' Mejju 2025.([12]). Dan immarka pass importanti fl-isforzi tal-UE biex ittejjeb is-sigurtà u l-ġestjoni tal-fruntieri u tal-migrazzjoni.

3. Is-sitwazzjoni attwali tal-implimentazzjoni tal-interoperabbiltà mill-Istati Membri u mill-aġenziji tal-UE

Ir-Regolamenti dwar l-Interoperabbiltà jistabbilixxu qafas ta' governanza, li jikkonsisti mill-Bord tat-Tmexxija tal-Programm ta' Interoperabbiltà u l-Grupp Konsultattiv dwar l-Interoperabbiltà, biex jiġi żgurat li l-komponenti u l-għodod tal-interoperabbiltà jitfasslu u jiġu żviluppati b'mod korrett. Iż-żewġ korpi joperaw taħt il-kappa tal-eu-LISA, u l-Kummissjoni hija membru tat-tnejn li huma. Dawn il-korpi jissorveljaw l-implimentazzjoni teknika tar-Regolamenti dwar l-Interoperabbiltà u jimmonitorjaw il-progress permezz ta' kwestjonarji ta' kull xahar jew ta' kull xahrejn, li jivvalutaw it-tħejjijiet tekniċi mwettqa mill-Istati Membri u mill-aġenziji rilevanti tal-UE.

Il-monitoraġġ regolari mill-eu-LISA wera li, sa tmiem il-perjodu kopert minn dan ir-rapport, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri u tal-aġenziji kienu fit-triq it-tajba sew rigward l-implimentazzjoni tagħhom. Għalkemm diversi Stati Membri rrappurtaw dewmien, l-ebda wieħed ma kien meqjus f'riskju li jonqos milli jikkonforma mal-iskeda ta' żmien miftiehma.

L-eu-LISA, l-aġenzija responsabbli għall-iżvilupp tekniku tal-komponenti u tal-għodod tal-interoperabbiltà, kompliet tagħmel progress kostanti matul il-perjodu ta' rapportar. F'Mejju 2025, l-eu-LISA nediet l-sBMS bħala l-ewwel element kostitwenti tal-qafas tal-interoperabbiltà. It-tnedija kkoinċidiet ma' aġġustamenti għas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża, li issa kapaċi tinteropera mas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ imnedija fit-12 ta' Ottubru 2025. Bħalissa qed jiġu ttestjati aġġornamenti ulterjuri tal-sBMS. L-sBMS għall-Eurodac ġie rilaxxat f'Marzu 2026 biex jiżgura l-migrazzjoni tad-data ta' legat tal-Eurodac qabel it-tnedija mistennija tal-Eurodac il-ġdida f'Ġunju 2026.

L-iżvilupp tal-Portal Ewropew tat-Tfittxija (ESP) u tar-Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni dwar l-Identità (CIR) miexi skont il-pjan, filwaqt li l-attivitajiet ta' ttestjar komplew matul il-perjodu ta' rapportar. Kemm l-ESP kif ukoll is-CIR se jibdew joperaw fit-12 ta' Ġunju 2026.

([11]) L-għodda tista' tiġi aċċessata permezz ta' sit web ospitat mill-Kummissjoni. L-aċċess huwa ristrett għall-utenti tas-sistemi koperti mill-manwali.

([12]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/875 tat-13 ta' Mejju 2025 li tiddetermina d-data li fiha jibdew l-operazzjonijiet tas-Servizz ta' Tqabbil Bijometriku kondiviż skont ir-Regolamenti (UE) 2019/817 u (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L, 2025/875, 14.5.2025 http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2025/875/oj.

Id-detettur ta' Identitajiet Multipli (MID) miexi tajjeb u bħalissa qed jiġi ttestjat. Matul il-perjodu tranżitorju tal-MID, l-Unità Ċentrali tal-ETIAS, stabbilita fi ħdan il-Frontex, se jkollha rwol ewlieni fil-verifika manwali tad-data relatata mal-identità marbuta mar-rabtiet identifikati mill-MID([13]). Skont ir-rapporti tal-Frontex, it-tħejjijiet meħtieġa mexjin skont il-pjan u l-eu-LISA qed tiżviluppa l-għodda li l-Frontex se tuża biex twettaq dan il-kompitu.

L-iżvilupp tar-Repożitorju Ċentrali għar-Rapportar u għall-Istatistika (CRRS) għadu miexi skont l-iskeda u l-eu-LISA bdiet l-attivitajiet ta' ttestjar matul il-perjodu ta' rapportar. Il-bidliet meħtieġa fi ħdan is-CRRS għall-produzzjoni ta' rapporti u statistika b'appoġġ għar-regoli ta' skrinjar tal-ETIAS tlestew f'Novembru 2025. Is-CRRS mistennija li titnieda fir-raba' trimestru tal-2026.

4. Il-ħtiġijiet ta' taħriġ

Matul il-perjodu ta' rapportar, il-Kummissjoni kompliet tappoġġa t-taħriġ fl-interoperabbiltà. Id-domanda għal informazzjoni ġenerali dwar ir-Regolamenti dwar l-Interoperabbiltà baqgħet stabbli, filwaqt li żdied l-interess f'aspetti aktar speċifiċi tal-interoperabbiltà. Il-Kummissjoni ħadet sehem fit-taħriġ ipprovdut mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL), li kien jinkludi moduli dwar l-interoperabbiltà. F'Ottubru 2025, il-Kummissjoni pprovdiet taħriġ dwar l-ETIAS, is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ u l-interoperabbiltà tagħhom fil-kuntest tal-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mas-CEPOL, ipprovdiet taħriġ dwar l-Artikoli 20 u 22 ta' kull wieħed mir-Regolamenti dwar l-Interoperabbiltà.

Barra minn hekk, l-eu-LISA offriet firxa wiesgħa ta' korsijiet dwar l-interoperabbiltà, u b'hekk għenet fit-tixrid tal-għarfien f'dan il-qasam.

5. Fondi tal-UE

Sal-1 ta' Diċembru 2025, l-eu-LISA kienet iffirmat kuntratti b'valur ta' EUR 170 807 261 għal attivitajiet ta' interoperabbiltà, filwaqt li EUR 133 199 856 kienu tħallsu lill-kuntratturi.

L-Istati Membri ġew imħeġġa jużaw ir-riżorsi disponibbli fil-qafas tal-programmi nazzjonali appoġġati mill-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (BMVI)([14]) biex ikomplu jiżviluppaw u jimplimentaw l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE.

6. Konklużjoni

([13]) L-Artikolu 69 tar-Regolament (UE) 2019/817 u l-Artikolu 65 tar-Regolament (UE) 2019/818.
([14]) Ir-Regolament (UE) 2021/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 251, 15.7.2021, http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1148/oj).

Il-kisba ta' interoperabbiltà sħiħa hija essenzjali biex ittejjeb l-arkitettura tal-IT kemm tas-sistemi ta' informazzjoni ġodda kif ukoll ta' dawk aġġornati tal-UE. L-objettiv huwa li l-awtoritajiet tal-fruntieri, tal-viża, tal-ażil, tal-immigrazzjoni u tal-infurzar tal-liġi jingħataw aċċess aktar rapidu, aktar effiċjenti u aktar sistematiku għad-data. Dan se jiżgura wkoll qsim aktar bla xkiel u sikur tal-fruntieri għall-miljuni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jivvjaġġaw lejn l-Unjoni Ewropea kull sena.

Matul il-perjodu ta' rapportar, sar progress konsiderevoli fl-implimentazzjoni tal-qafas tal-interoperabbiltà. Stadju importanti ewlieni kien it-tnedija tal-sBMS, li jżid b'mod sostanzjali l-kapaċitajiet ta' tqabbil bijometriku bejn is-sistemi ta' informazzjoni parteċipanti tal-UE. Sar ukoll progress sinifikanti fl-iżvilupp tekniku u fl-ittestjar tal-komponenti u tal-għodod tal-interoperabbiltà, inkluż bl-adozzjoni tal-manwal tal-interoperabbiltà. L-ESP, is-CIR u s-CRRS se jibdew joperaw matul il-perjodu ta' rapportar li jmiss.

Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja mill-qrib il-progress u tivvaluta r-riskji assoċjati mal-implimentazzjoni tar-Regolamenti dwar l-Interoperabbiltà. Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew se jinżammu infurmati dwar il-progress li jkun sar permezz ta' rappurtar regolari, inkluż permezz tal-kumitati u tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni.